

Parti oħra fil-proċedura: Guido Strack (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

### Suġġett

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Marzu 2011, Strack vs Il-Kummissjoni (F-120/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament parzjali ta' din is-sentenza.

### Dispożittiv

- (1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Marzu 2011, Strack vs Il-Kummissjoni (F-120/07), hija annullata.
- (2) Ir-rikors ippreżentat minn Guido Strack quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-120/07 huwa miċħud.
- (3) G. Strack u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kemm fl-istanza quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kif ukoll f'din l-istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 232, 6.8.2011.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2012 — Hartmann vs UASI (Nutriskin Protection Complex)

(Kawża T-415/11) (<sup>1</sup>)

**“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Nutriskin Protection Complex — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 — Prattika deċiżjonali tal-UASI — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”**

(2012/C 399/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Paul Hartmann AG (Heidenheim an der Brenz, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Aicher, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: K. Klüpfel u A. Poch, aġenti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Mejju 2011 (Każ R 1524/2010-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali Nutriskin Protection Complex bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Paul Hartmann AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 298, 8.10.2011.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Novembru 2012 — Evonik Industries vs UASI — Impulso Industrial Alternativo (Impulso creador)

(Kawża T-529/11) (<sup>1</sup>)

**“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Impulso creador — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti IMPULSO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”**

(2012/C 399/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Evonik Industries AG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Albrecht, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trade marks u disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Impulso Industrial Alternativo, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: F. Brandolini Kujman u J. Devaureix, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Ġunju 2011 (Każ R 1101/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Impulso Industrial Alternativo, SA u Evonik Industries AG.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Evonik Industries AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 362, 10.12.2011.